# Il-knisja ta' San Silvestru I, Papa
# - Mosta -

Kitba ta' Mark Micallef

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Inti u dieħel fil-Mosta, fi Vjal Idipendenza, hemm knisja żgħira f'nofs it-triq prinċipalio li hi ddedikata lil San Silvestru I Papa. Din il-kappella kienet tinsab fi Triq San Silvestru, imsemmija għalih, liema triq tinsab f'nofs Vjal Indipendenza, biswit il-knisja u fuq ix-xellug tagħha.

**San Silvestru I, Papa**

San Silvestru twieled fil-Belt ta' Ruma. Missieru kien jismu Rufinus u ommu Justa. Billi f'dak iż-żmien il-knisja ma kenitx taħt persekuzzjoni, dan il-Papa kkonċentra l-ħidma tiegħu fuq il-bini ta' knejjes u bażiliċi, fosthom dik ta' San Giovanni l-Lateran, is-sedja tal-Papa taħt it-titolu ta' Isqof ta' Ruma, dik ta' San Pietru, dik ta' San Pawl u dik tas-Salib Imqaddes f'Ġerusalemm. Hu ħa ħsieb imexxi l-Liturġija tal-Knisja 'l quddiem, ifformola l-Martirologu (lista uffiċjali tal-Martri tal-Knisja) kif ukoll waqqaf skola tal-kant f'Ruma. Bena wkoll knisja fuq iċ-ċimiterju ta' Prixilla ġo Via Salaria – liema knisja ġġib ismu u f'liema knisja ndifen meta miet fis-sena 334.

Il-Papa San Silvestru ġġieled l-ereżija, partikolarment dik ta' Arjanu u għal dan l-għan nieda l-ewwel Konċilju Ekumeniku, jiġifieri dak li sar fil-belt ta' Nicea fl-Asja Minuri. Hu m'attendiex għal dan il-Konċilju iżda bagħat lir-rappreżentanti tiegħu Vitus u Vincentius. Fl-aħħar tal-Konċilju hu stess approva d-deċiżjonijiet li kienu ħarġu minnu. F'dan il-Konċilju ħadu sehem tlett mitt Isqof u ddefinixa, fost l-oħrajn, il-Madonna bħala "*Omm Alla*" ("*Theotokos*") kif ukoll ifformola sintesi tat-twemmin tal-knisja f'dak li llum ngħidulu "*il-Kredu*".

Fost ħwejjeġ oħra li l-Papa San Silvertru baqa' magħruf għalihom kienu l-magħmudija tal-Imperatur Kostantinu kif ukoll għax iddikjara l-jum tal-Ħadd bħala jum qaddis u dan kien ġie magħruf anke mill-istat. Il-Papa Silvestru kien l-ewwel Papa li libes kuruna fuq rasu li llum ħadet forma tal-mitra li jilbsu l-papiet, kardinali u isqfijiet. San Silvestru hu meqjum kemm fil-Knisja tal-Lvant kif ukoll f'dik tal-Punent. Il-festa liturġika tiegħu taqa' fil-31 ta' Diċembru fil-kalendarju tal-knisja tal-Punent u fit-2 ta' Jannar fil-kalendarju tal-knisja tal-Lvant.

Kien hemm tlett papiet li ġabu l-isem Silvestru kif ukoll kien hemm antipapa. San Silvestru li qed nitkellmu fuqu hu San Silvestru I. F'Malta ma jidhirx li kien hawn xi kult speċjali ta' dan il-qaddis peress li din hi l-unika kappella msemmija għalih kif ukoll it-triq li semmejna biswit il-knisja hi wkoll l-unika triq imsemmija għal dan il-Papa qaddis. Jidher għalhekk li din il-kappella li tfakkarna f'dan il-qaddis inbniet għall-qaddis li ta l-isem lill-Kavallier benefattur li bnieha.

## Oriġini

Il-kappella ddedikata lil San Silvestru hija kappella antika b'rabta diretta mal-ordni ta' San Ġwann. Xhieda ta' din ir-rabta hija kitba li tinsab fil-faċċata tal-kappella, eżattament fuq il-bieb tan-nofs. Fil-fatt taħt l-arma tal-Kavallier Fiteni, imqiegħda fuq is-Salib tal-Ordni ta' San Ġwann, insibu l-kitba: *FITENI SULVESTER EQUES, SULVESTRIBUS AGRIS, DIVO SVLVESTRO DAT DICAT, IPSE DOMVM 1664*

Kif hemm miktub f'din il-lapida, il-kappella inbniet mill-Kavallier Silvestru Fiteni li kien membru tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1664. Din il-kappella kellha t-titlu ta' "*commenda*" skont kif tniżżel fl-atti tan-nutar M. Ralli fl-24 ta' Ottubru tal-1657. Għalhekk baqgħet ġuspatronat tal-Gvern ta' Malta meta l-Ordni telqet minn Malta.

## Il-knisja minn barra

Il-faċċata ta' din il-kappella hija magħmula minn par pilastri ta' stil Doriku, wieħed f'kull kantuniera. Minn tarf għall-ieħor ta' kull pilastru jgħaddi gwarniċun u fuq il-gwarniċun jitla' l-frontispizju b'kampnar f'nofsu.

Fil-faċċata, qrib il-pilastri, naraw żewġ niċeċ li fihom fis-sena 2002 tqiegħdu żewġ statwi, waħda ta' San Pietru, l-ewwel Papa, u l-oħra ta' San Silvestru, il-qaddis patrun ta' din il-kappella. Dawn tqiegħdu hemm nhar it-30 ta' Lulju 2002 u huma xogħol l-iskultur Savio Deguara u saru fi żmien ir-rettorat ta' dun Salv Magro. Bejn dawn iż-żewġ niċeċ, fuq l-arma tal-kavallier Fiteni, hemm tieqa ta' għamla baxxa u tawwalija.

Jidher li l-kavallier Fiteni kien iħobb sew l-inħawi tal-Mosta u nassumu li kien iżur dawn l-inħawi ta' spiss tant li maġenb il-kappella ħaseb ukoll biex jibni remissa għall-karrozzella u ż-żwiemel tiegħu. Fuq din ir-remissa, li kienet għadha wieqfa sas-snin sittin tas-seklu għoxrin, kont tara wkoll l-arma ta' dan il-kavallier Fiteni.

**Il-knisja minn ġewwa**

Il-kavallier Fiteni ħallilna wkoll ħjiel ta' ħajtu u dak li għadda minnu. Dan ħallieh imnaqqax fuq irħama li tpoġġiet f'post aktar 'l fuq mill-kwadru titulari ta' din il-kappella. L-iskrizzjoni hija miktuba bil-Latin, li bil-Malti tgħid hekk: "*IN-NOBBLI SILVESTRU FITENI, MALTI, BARUNI TA' BUDAPEST, WARA LI LAHAQ HAKEM U MAHLUL MIŻ-ŻWIEĠ FL-IMGHODDI MAS-SINJURA GENOVEFFA D. TASSALOCANNA, IMDAHHAL FL-IMQADDES ORDNI MILITARI TA' SAN ĠWANN TA' ĠERUSALEMM, FIL-GRAD TA' KAVALLIER TA' KASTELLANJA EMPOSTA, MILL-ĠID TA' PATRIMONJU AKKWISTAT FI ŻMIEN IŻ-ŻWIEĠ, HUWA WAQQAF IL-KOMMENDA TAHT L-ISEM TA' SAN SILVESTRU (TAL-FAMILJA) FITENI, GHALIH U GHALL-KAVALLIERI (TAL-IMSEMMIJA) KASTELLANIJA; GHAMEL LI TIĠI MWERRQA B'PERMESS APPOSTOLIKU, TAL-24 TA' DIĊEMBRU 1657. GHALHEKK BENA DAN IL-LOK MIX-xagħri TAHT IL-PATROĊINJU TA' SAN SILVESTRU FIS-SENA 1664.*"

Fiteni ddedika din il-kappella lil San Silvestru Papa, il-qaddis ta' ismu stess. Il-kappella għandha altar tal-ġebel u fuqu hemm kwadru titulari tal-qaddis attribwit lil Stefano Erardi. Hu kwadru mill-isbaħ u jirrappreżenta lill-qaddis liebes il-kappa u għarkopptejh fuq is-sħab, imsieħeb minn erba' anġli żgħar in-naħa ta' riġlejn il-qaddis. Fuq kull naħa tal-qaddis hemm żewġ anġli kbar. Wieħed mill-anġli qiegħed iżomm it-tarf tal-kappa u l-ieħor qiegħed iżomm it-trerenju. Din il-pittura ġiet restawrata xi snin ilu. In-naħa t'isfel tal-kwadru terġa' tidher l-arma tal-kavallier Fiteni u hemm

skroll b'dawn il-kelmiet bil-Latin, li bil-Malti tgħid hekk: "*LIL SAN SILVESTRU PROTETTUR TAL-(FAMILJA) FITENI, IL-KAVALLIER KOMMENDATUR FRA SILVESTRU FITENI, MALTI NOBBLI, FUNDATUR B'QIMA RELIĠJUŻA GHAMEL FIS-SENA TAS-SAHĦA 1665, ID-9 SENA TAL-KOMMENDA, IS-67 SENA TA' HAJTU.*"

Din il-kappella minn ġewwa hija waħda mis-sbieħ u mgħammra b'kollox. Insibu statwa ħelwa ta' Santa Rita li saret fl-1963 minn Ġlormu Dingli. Wieħed ukoll jista' jammira, speċjalment fi żmien il-festa titulari, sett gandlieri tal-injam indurat, kanopew u ventaltar irrakmati u sett ta' sitt statwetti tal-injam indurat li jirrappreżentaw diversi Papiet, xogħol l-iskultur Renzo Gauci.

Is-saqaf ta' din il-kappella kien kollu mżejjen bi stilel u bi slaleb ta' tmien ponot tal-Ordni ta' San Ġwann. Ħasra li llum m'għadniex ingawdu din d-dekorazzjoni fis-saqaf tal-kappella.

L-ambjent ta' madwar din il-kappella kien ftit differenti minn dak li naraw illum. Din il-kappella kienet tinsab fi trejqa li issa nfetħet u hekk saret tagħmel parti minn Vjal Indipendenza. Permezz ta' dan l-iżvilupp li sar din il-kappella sabet postha fin-nofs ta' triq traffikuża ħafna. Ir-remissa li kellha magħha twaqqgħet għal kollox wara l-1964 biex jinħoloq spazju għat-triq il-ġdida tal-lum.

**Attività Pastorali**

Dwar il-ħidma pastorali li kienet issir f'din il-kappella fl-ewwel żminijiet minn meta twaqqfet, insibu rapport miktub b'riżultat taż-żjara tal-isqof Buenos fil-Mosta fl-1668. Tajjeb li nsemmu li għalkemm din il-kappella kienet tal-Ordni, xorta kienet isservi għall-bżonnijiet reliġjużi ta' kuljum għan-nies tal-madwar. Il-kappillan, dun Karlu Schembri, xehed li għadd ta' nies kienu jmorru f'din il-kappella għall-qrar u t-tqarbin. Dan is-servizz baqa' jingħata u hekk kien għadu jsir almenu sal-aħħar tas-sena 2007. Illum il-quddies issir biss kull nhar ta' Ħadd u fil-Festi Kmandati.

Ta' kull sena, f'din il-kappella, issir il-festa tal-qaddis patrun li tiġi ċċelebrata bis-sollennità kollha nhar il-31 ta' Diċembru, jum il-festa

liturġika tal-qaddis. Dan kollu juri kemm din il-knisja għad għandha post speċjali fi qlub il-Mostin.